MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tat-8 ta' Frar, 2008

Rikors Numru. 1/2008

Fl-atti tar-rikors numru: 1/2008AE prezentat minn Francis Attard

Illum il-Gimgha, 8 ta’ Frar 2008.

Il-Qorti,

**Artikolu 826 tal-Kap. 12 – Talba sabiex tigi registrata ordni moghtija minn Victoria Civil and Administrative Tribunal gewwa Victoria, Awstralja li bih persuna giet mahtura amministratur sabiex tamministra l-patrimonju ta’ terza persuna taht il-Guardianship and Adminisration Act 1986.**

Rat ir-rikors prezentat fit-3 ta’ Jannar 2008 li permezz tieghu r-rikorrent ippremetta li:

Kien xtara sehem indiviz minn porzjon raba’ maghrufa bhala Ta’ Skarsu, limiti tax-Xewkija, Ghawdex minghand Rosanna sive Rose Spiteri ghan-nom ta’ bintha Theodora Spiteri kif mahtura bhala amministratur taghha mit-Tribunal ta’ Victoria, Melbourne fl-Awstralja skond ordni moghtija mill-istess Tribunal, liema ordni giet imgedda skond ordni ohra moghtija mill-istess Tribunal.

Bi svista dakinhar tal-kuntratt ta’ l-akkwist, l-ordni moghtija mit-Tribunal esteru kienet ghadha ma gietx registrata.

Ghal kull buon fini r-rikorrent hu tal-fehma li jkun floku li l-ordni tigi registrata fir-Registru Pubbliku ta’ Ghawdex skond l-Artikolu 826 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghalhekk ir-rikorrent talab li l-Qorti tawtorizza r-registrazzjoni ta’ l-ordni moghtija mit-Tribunal ta’ Victoria, Awstralja fir-Registru Pubbliku ta’ Ghawdex taht dawk il-kundizzjonijiet li l-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

Semghet il-provi u s-sottomissjonijiet tad-difensur tar-rikorrent.

Rat l-atti kollha u l-verbal tas-seduta tat-23 ta’ Jannar 2008 minn fejn jirrizulta li r-rikors gie differit ghas-seduta tal-lum ghall-provvediment finali.

Ikkunsidrat:-

1. Mill-atti jidher li permezz ta’ ordni (Administration Order) moghtija minn **Victoria Civil and Administrative Tribunal gewwa Victoria, Awstralja** fit-8 ta’ Marzu 2001, Rose Spiteri giet appuntata bhala amministratur tal-patrimonju ta’ Theodora Spiteri ai termini tal-provvedimenti tal-*Guardianship and Administration Act*, 1986 u dan minhabba *“... the represented person’s disability and inability to make reasonable judgments in respect of her estate and of the need for the appointment of an administrator”* (fol. 2). B’ordni ohra moghtija fit-13 ta’ Marzu 2007, l-ewwel ordni giet imgedda (fol. 3).

2. Ir-rikorrent xtara sehem li Theodora Spiteri kellha f'porzjon art li tinsab fil-limiti tax-Xewkija, Ghawdex. Ghal dan il-ghan giet inkarigata terza persuna sabiex tidher ghan-nom ta' l-amministratur (Rose Spiteri, l-amminstratur) fuq l-att finali. Ir-rikorrent qieghed jipprova jbiegh il-proprjeta' u min hu nteressat li jixtri qieghed jitlob li l-ordni moghtija minn Victoria Civil and Administrative Tribunal tigi registrata f'Malta.

3. Skond l-Artikolu 826 tal-Kap. 12:-

*"Bla hsara tad-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar l-Esekuzzjoni Reciproka ta' Sentenzi ta' Tribunali Inglizi, is-sentenzi moghtija minn qorti kompetenti ta' pajjiz barra minn Malta, u li jkunu saru gudikat, jistghu jigu esegwiti mill-qorti kompetenti ta' Malta, bhas-sentenzi moghtija f'Malta, fuq rikors b'talba biex tigi ordnata l-esekuzzjoni ta' dawk is-sentenzi".*

Ghalhekk sentenza estera ma tistax tinghata effett f'Malta qabel ma jkun hemm ordni moghtija minn Qorti f'Malta li bih tigi ordnata l-esekuzzjoni tas-sentenza.

Skond l-Artikolu 827 tal-Kap. 12 sentenza ta' Tribunal esteru ma tistax tigi ezegwita f'Malta:-

*"(a) jekk is-sentenza li taghha tintalab l-esekuzzjoni tista' tkun attakkata ghal xi wahda mir-ragunijiet imsemmija fl-artikolu 811;*
*(b) f'kaz ta' sentenza moghtija fil-kontumacja, jekk il-partijiet ma kienux kontumaci skond il-ligi barranija;*
*(c) jekk is-sentenza fiha xi disposizzjonijiet kuntrarji ghall-ordni pubbliku jew ghal-ligi pubblika interna ta' Malta".*

Minn qari ta' dan il-provvediment hu evidenti li l-Artikolu 826 tal-Kap. 12 m'huwiex jikkontempla kazijiet bhal dak odjern. Il-Qorti tifhem li l-Artikolu 826 qieghed jipprovdi ghall-kazijiet fejn hemm zewg partijiet u l-Qorti estera tkun tat sentenza kontra wahda minnhom li tkun saret gudikat u l-parti rebbieha tkun trid tezegwixxi s-sentenza gewwa Malta. Karatteristici li m'ghandnix fl-ordni moghtija mill-

Victoria Civil and Administrative Tribunal. Il-Qorti tkompli ssahhah il-fehma taghha anke in virtu' ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 828 tal-Kap. 12 fis-sens li sentenza li tkun ordnat l-ezekuzzjoni ta' sentenza moghtija minn Qorti barranija tista' tigi registrata fir-Registru Pubbliku u minn dakinhar tipproduci *“.......ipoteka **ghall-kreditu kkanonizzat bis-sentenza** li taghha tigi ordnata l-esekuzzjoni”* (sottolinejar ta' Qorti).

Fattur iehor kontra t-tezi tar-rikorrent hu li skond l-Artikolu 826 tal-Kap. 12 is-sentenza tal-qorti barranija trid tkun saret gudikat. Dan ifisser li ma tkunx tista' tigi revokata jew varjata. Fil-kaz odjern, fil-kopja tal-provvediment mahrug fit-8 ta' Marzu 2001 mit-Tribunal fuq imsemmi jinghad ***“That this order continue to have effect until further order of the Tribunal”***. L-istess jinghad fl-ordni moghtija fit-13 ta' Marzu 2007 li bih Rose Spiteri regghet giet konfermata bhala amministratur ta' Theodora Spiteri. Dikjarazzjoni li fiha nfisha tikkonferma li din l-ordni ma tista' qatt tassumi l-karattru ta' dikjarazzjoni rritrattabbli u ghalhekk ma tistax tikkostitwixxi gudikat.

Ghal din ir-raguni l-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi dan ir-rikors billi tichad it-talba tar-rikorrent bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------